**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D**

**Appell Nru: 26/2023**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**vs**

**Giuseppe Abela**

**Illum 11 ta' Mejju, 2023,**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Giuseppe Abela, bin Giorgio u Nazarena Zahra, miz-Zejtun, fid-9 ta' Settembru, 1962, ta' 28, Connie, Triq Sir Paul Boffa, Zejtun, ID No: 569862 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-3 ta' Mejju, 2022, ghall-habta ta' 09:00hrs waqt li kont gewwa l-fond 28, Connie House, Triq Sir Paul Boffa, Zejtun:

1. Bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandek, gieghelt, bl-awtorita' tieghek innifsek, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew li fixkilt lil Moira Rose Pace fil-pussess ta' hwejjigha, jew hattejt bini, jew ksirt il-mixi tal-ilma jew hadt l-ilma ghalik, jew b' xi mod iehor, kontra l-ligi, indhalt fi hwejjeg haddiehor."

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-13 ta' Jannar, 2023, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tqis li piena karcerarja mhux idoneja f'dan il-kaz u konsegwentament ikkundannat lill-imputat ai termini tal-proviso tal-Artiklu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt Ewro (€500), u ai termini tal-Artiklu 377 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill-imputat sabiex fi zmien erbgha u ghoxrin siegha minn meta din is-sentenza tigi res judicata jhalli l-imsemmija antiporta miftuha u ma jostakolax l-access liberu li l-parte civile dejjem kellha ghall-imsemmi fond u dan fuq penali ta' hames Ewro (€5) kuljum fin-nuqqas.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-imputat jiddikjara li fehem l-istess.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Giuseppe Abela, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-30 ta' Jannar, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata u dana billi thassarha u tirrevokaha in kwantu sabet lill-istess appellant hati tal-akkuza dedotta kontrih u minflok tilliberah minnha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**A. Dwar il-parametri temporali tal-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant**

1. L-esponenti gie quddiem l-Ewwel Qorti mixli talli specifikament nhar it-3 ta' Mejju 2022 ghall-habta tad-9:00hrs, wettaq l-att, reklamat mill-Prosekezzjoni bhala spoljattiv, de quo – u cioe' talli nhar it-3 ta' Mejju 2022 huwa sakkar l-antiporta 28, Connie House, Triq Sir Paul Boffa, Zejtun, b'mod illi mpedixxa lill-kwerelanta ohtu milli taccedi ghal gewwa.

2. Izda mill-provi akkwiziti jemergi biss li l-jum ta' nhar it-3 ta' Mejju 2022 hija l-gurnata li fiha l-kwerelanta Moira Rose Pace sabet l-antiporta msakkra u mhux necessarjament il-gurnata li fiha l-appellant sakkar l-istess antiporta!

3. B'hekk allura tali antiporta, daqs kemm seghet giet msakkra mill-appellant nhar it-3 ta' Mejju 2022, setghet giet msakkra wkoll fil-jiem u/jew fil-gimghat ta' qabel.

4. Kwindi, quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-Prosekuzzjoni naqqset ghal kollox li tipprova li dak li hija rreklamat bhala ammontanti ghal raggion fattasi, u cioe' l-fatt li l-appellant sakkar l-antiporta ta' daru, sehh fil-jum precizat minnha fic-citazzjoni.

5. Mhux biss ma tressqitx prova dwar dan, izda sahansitra l-kwerelanta Moira Rose Pace kkonfermat fid-deposizzjoni taghha li l-jum ta' nhar it-3 ta' Mejju 2022 huwa biss il-jum fejn hija sabet l-antiporta tal-fond *de quo* msakkra u fl-ebda' waqt ma tenniet li hija filfatt lemhet jew rat lill-appellant jsakkar tali antiporta fl-istess jum.

6. Kif giet ricentemnet ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali[1] fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Il-Pulizija v. Lawrence Gerada</u>'** deciza fl-1 ta' Marzu, 2022:

---

[1] Per Onor. Imh. A. Bugeja

40. *Din in-nuqqas ta' kjarezza fir-rigward tad-data ta' meta gie kommess ir-reat tikkostitwixxi difett fis-sejbien ta' htija fir-rigward ta' dan ir-reat. L-imputazzjoni tar-ragion fattasi hija marbuta ma data u perjodu ta' zmien specifiku. Ladarba l-Prosekuzzjoni intrabtet b'dawk il-parametri temporali, hija kienet imbaghad obbligata li tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li r-reat kien sehh f'dawk il-parametri prefissi minnha. Fin-nuqqas ta' prova sikura li ssahhah dan, hija tkun meqjusa li ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha u l-konsegwenti sejbien ta' htija ma jistax jitqies li jkun sikur"*

7. Filwaqt li allura l-appellant fl-ebda' waqt ma cahad jew ikkontesta l-fatt li kien hu li sakkar l-antiporta de quo, l-Ewwel Qorti ma setghetx legalment tirriskontra htija u dana ghaliex ma kellhiex il-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li din l-azzjoni attribwibbli lill-appellant sehhet fil- parametri termporali prefissi fic-citazzjoni ossia fit-3 ta' Mejju 2022 ghall-habta tad-9:00hrs.

8. F'dan l-isfond jigi mfakkar li d-delitt ta' raggion fattasi, purche' kapaci jgib mieghu effetti permanenti, huwa wiehed istantaneju. B'hekk allura r-reat jigi kkonsmat u kkristalizzat fil-mument li ssehh l-azzjoni posittiva spoljattiva tas-suggett attiv tar-reat. Il-**Manzini**, fit-trattati tieghu jishaqq:

> *"E' in ogni caso reato istantaneo, e non permanente, ancorche' possa avere effetti permanenti. Ne' importa che la violenza, specialmente quella sulle cose, possa continuarsi ininterrottamente per un certo tempo … perche' il reato si consuma nell'istante in cui l'agente si e' fatto ragione da se' medesimo con l'uso della violenza, per il quale uso e' sufficiente il fatto violento iniziale."*[2]

9. Illi fil-kaz fl-ismijiet: **<u>Il-Pulizija v. Paul Cilia</u>**, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali[3]. nhar is-7 ta' Ottubru, 2015, dwar bdil ta' serratura f'zewgt ihwienet, il-Qorti tal-Appell spjegat fid-dawl ta' dak li jsostni l-Manzini li minkejja li r-

[2] Vincenzo Manzini, Trattato di Diritto Penale Italiano, Vol. V, Torino 1950, p. 996.
[3] per Onor. Imhallef David Scicluna.

reat kellu effetti permanenti, xorta kellu jitqies bhala reat istantaneju. L-istess inghad fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali[4] nhar it-12 ta' Marzu 2019 fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Godfrey Casha**.

10. Gialadarba allura r-reat ta' raggion fattasi jikklasifika bhala wiehed istantaneju, mela ma ghandux ikun hemm dubju li kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova li dik l-azzjoni attribwibbli lill-appellant filfatt sehhet fil-jum specifiku postulat fic-citazzjoni ossia nhar it-3 ta' Mejju 2022. Din il-prova pero' ma temergi mkien mill-atti processwali.

11. Kull ma kellha taghmel il-Prosekuzzjoni sabiex tirrimedja dan in-nuqqas kien li tikkwalifika d-data ta' nhar it-3 ta' Mejju 2022 bil-kliem 'u/jew fil-granet u fil-gimghat ta' qabel din id-data'. Dan pero' ma sarx u ta' dan in-nuqqas certament ma kellux ibati l-appellant.

12. Filwaqt li l-appellant huwa edott mill-fatt li l-gurisprudenza nostrana tghallimna li l-komparixxi li fiha jkun hemm elenku tal-imputazzjonijiet hija ritenuta bhala un avviso a comparire, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali u wiehed certament ma jistax jinstab hati ta' xi haga li taqa' lil hinn mill-parametri mfasslin fl-istess komparixxi! Ir-regoli tal-procedura ma jistghux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruhha kif jixraq.

13. Certament, tenut kont tal-fatt li jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha sal-grad tal-lil hin mid-dubbju dettat mir-raguni, fid-dawl ta' diskrepanzi u incertezzi lampanti ta' rekwizit bazilari bhala ma' hija d-data tal-akkadut, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellha qatt u bl-ebda' mod tirriskontra htija fl-appellant.

**B. Tfixkil fil-pussess li sar mill-kwerelanta u mhux mill-appellant u l-applikazzjoni tad-difiza tal-*vim vi repellere licet***

[4] per Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera.

14. Dan l-aggravju qed jitressaq minghajr pregudizzju ghal dak ta' qablu ossia ghall-aggravju 'A'.

15. L-appellant huwa konvint, mill-fatti kif esposti u l-provi hekk kif akwiziti quddiem l-Ewwel Qorti, li jekk kien hemm xi hadd li ha l-ligi b'idejh fit-termini cirkoskritti tal-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din kienet il-kwerelanta Moira Rose Pace u mhux l-appellent.

16. Il-fond 28, Connie House, Triq Sir Paul Boffa, Zejtun hija r-residenza ewlenija tal-appellant. Kien jirrisjedi hemm ma' ommu u missieru fi zmien meta' kienu ghadhom hajjin u baqa' jirrisjedi hemm wahdu sa' minn mewthom l'hawn. Huwa b'hekk l-esponenti u l-esponenti wahdu li jgawdi l-pussess fiziku u materjali ta' dan il-fond.

17. Hutu l-bniet, fostom il-kwerelanta Pace, filwaqt li ghandhom titolu fuq dan il-fond, ma jgawdu ebda' pussess fuq l-istess, la fiziku u lanqas kostruttiv, u dana billi huma ma jirrisjedux hemm.

18. S'intendi l-appellant ma kienx ha jcahhad lil hutu mill-access ta' hwejjighom kieku dawn imqar kellhom id-decenza li jinformawh meta jkun fi hsiebhom jidhlu gor-residenza. Bil-fatt pero' li l-kwerelanta kienet taccedi ghal gewwa l-fond ad insaputa tal-appellant qua pussessur tal-fond, kienet hi li wettqet atti spoljattivi u fixklet lil appellant fil-pussess ta' hwejgu u mhux l-appellant li semplicement sakkar l-antiporta sabiex jissalvagwardja l-privatezza tieghu go daru stess!

19. Il-fatt li persuna jkollha titolu fuq il-propjeta ma jipprekludihiex milli tkun passibbli ghar-reat ta' ragion fattasi fil-kazijiet kongruwi. Il-kwerelanta kellha merament titolu u mhux pussess. Il-pussess tal-fond, fiz-zmien mertu tal-akkuza, kien vestit unikament fl-appellant.

20. Hekk per ezempju nsibu fil-kawza '**<u>Il-Pulizija v. Joseph Bongailas'</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta' Ottubru 2001:

*"L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew tgawdija ta' dik il-haga....Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni."*

21. L-appellant allura jistaqsi, kif seta' huwa qatt jigi misjub hati li fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu meta' dak ix-xi hadd la kellu l-pussess u lanqas l-uzu ta' dak l-oggett, u cioe' f'dan il-kaz il-pussess tal-fond de quo?

22. Ex admissis fid-deposizzjoni taghha quddiem l-Ewwel Qorti, il-kwerelanta filwaqt li kkoncediet li l-appellant jghix fir-residenza wahdu filwaqt li hi u ohtha jghixu band' ohra, kkoncediet ukoll li meta hija ppruvat tidhol nhar it-3 ta' Mejju 2022 fil-fond de quo "biex tuza l-bathroom"[5] , hija ma avzatx u wisq anqas kellha d-dicenza tinforma lil huha li ser tidhollu f'daru sabiex tuza l-bathroom.

23. Il-kwerelanta u ohtha huma sidien tal-fond de quo daqs kemm huwa sid l-appellant u kieku riedu jaghmlu uzu liberu minn dan il-fond u jiksbu l-pussess tieghu, huma setghu irrikorrew ghal rimedji civili. Billi huma sidien, ma jfissirx pero' li kellhom xi jedd awtomatiku li jidhlu gol-fond de quo xhin u meta' jridu minghajr ma mqar jazvaw lil huhom li dehlin!

24. Pero' l-Ewwel Qorti xorta' dehrilha li ghandha tikkastiga lill-appellant talli sakkar l-antiporta' ta' daru stess. Xi haga li ironikament ghamilha sabiex haddiehor jieqaf ifixklu fil-pussess ta' hwejgu!

[5] Deposizzjoni tal-kwerelanta quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.

25. B'liema tigbid tal-imaginazzjoni setghet l-Ewwel Onorabbli Qorti tikklasifika l-agir tal-appellant bhala wiehed spoljattiv meta huwa bl-azzjoni tieghu kull ma ghamel kien li ssalvagwardja u ttutela l-pussess pacifiku go hwejgu? M'ghandux dritt l-appellant go daru stess jkollu s-serhan il-mohh li ebda' wahda minn fost hutu ma hi ser tidhollu arbitrarjament u ghall-gharrieda minghajr il-kunsens tieghu? Fejn tinsab l-exercise of a pretended right?

26. Di piu, bhal kull reat iehor, ir-reat ta' raggion fattasi ghandu wkoll l-element formali tieghu u hu appuntu dan l-element li l-ewwel Qorti kellha dmir u l-obbligu legali li tixtarr ukoll. Skond sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet il-**Pulizija v. John Dimech** deciza nhar l-24 ta' Gunju 1961:

> *"id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat, jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista jirrikorri lejhom. Hi gusta le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu".*

27. Il-Prosekuzzjoni kellha d-dmir legali li tipprova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli li l-appellant wettaq tali att materjali bl-intenzjoni u l-konoxjenza hekk kif rikjesti mil-ligi. Fi kliem il-gurista **Antolisei**:

> *"quanto all'elemento soggettivo generalmente si afferma che occorre un dolo specifico, il quale sarebbe costituito dal fine di esercitare un preteso diritto. Questa opinione deriva da una inesatta nozione del dolo specifico. Il fine di esercitare un preteso diritto, invero non e' altro che l'intenzione di farsi ragione da se medesimo, e siccome questo 'farsi ragione ecc' non e un quid che sta al di la del fatto che costituisec il reato, ma il fatto medesimo (azione ed evento) il dolo richiesto deve ritenersi generico, e non specifico."*

28. Se mai, l-azzjoni tal-appellant kienet allura wahda li saret *vim vi repellere licet* ghas-semplici raguni li huwa sakkar l-antiporta tar-residenza tieghu purament sabiex jrazzan l-agir spoljattiv tal-kwerelanta. Meta ssir referenza ghal dan il-principju, qed nittrataw l-att legali sabiex b'forza ripellata b'forza soggetta ghar-regola generali, li l-forza ser tintuza mhux ghal skop ta' tpattija, izda biex

dak li jkun jiddefendi hwejjgu. Dwar dan il-principju, il-**Professor Anthony J. Mamo** isostni li:

> *"No offence is committed if the agent has done the act in consequence of the necessity of defending his own possession rather than with the purpose of disturbing the possession of others".*

29. Dan huwa precizament dak li ghamel l-appellant fil-kaz odjern. Huwa tal- umli fehma li l-agir u r-reazzjoni tieghu jaqa' fil-limiti ta' dan il-principju u dana billi huwa ghamel dak li ghamel biss sabiex jissalvagwardja l-pussess u t-tgawdija pacifika ta' hwejjgu.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-11 ta' Mejju, 2023.

Ikkunsidrat,

Qabel ma din il-Qorti ser tibda titratta mal-aggravji sollevati mid-difiza sejra l-ewwel tezamina l-atti processwali u dan sabiex tara liema provi gew imressqa u jekk l-akkuza ta' raggion fattasi moghtija mill-prosekuzzjoni ghandhiex tirrizulta fid-dawl ta' l-istess u primarjament dan ghaliex din hija Qorti ta' reviszjoni.

Illi din il-Qorti hija Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Qorti tal-Magistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u ragonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet ghamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[6] intqal:-

[6] Tal-21 t'April 2005.
Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George**

*'kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.'*

Anke jekk din il-Qorti tistharreg ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' revizjoni tad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni taghha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma tergax tisma' l-kaz u tiddeciedi l-kaz mill-gdid. Id-decizjoni jekk l-imputat ikunx hati jew le tehodha l-Qorti tal-Magistrati, li ghandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal ghall-konkluzjonijiet taghha.[7]

---

**Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine** Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** gie mistqarr li :

Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "*properly directed*", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-**Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed** deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-**Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino** deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-**Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[7] U dan sakemm ma jkunx hemm ragunijiet eccezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodici Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeciedi hi l-meritu tal-kawza.

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati billi tara jekk u safejn, bis-sahha tal-provi li jkunu gew migjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Magistrati, setghetx dik il-Qorti legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni milhuqa minnha fis-sentenza taghha. Biex taghmel dan ix-xoghol ta' revizjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti migjuba quddiem il-Qorti tal-Magistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Magistrati setghetx tasal ghall-konkluzjonijiet taghha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Ligi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Magistrati setghet tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konkluzjoni li dik il-Qorti setghet tasal ghaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konkluzjonijiet milhuqa mill-Qorti tal-Magistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Magistrati tkun ghamlet xogholha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza taghha, jekk mhux ghax ikun hemm raguni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konkluzjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati mhux bizzejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Jekk mill-banda l-ohra din il-Qorti tara li, mill-provi li ngiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Magistrati tkun zbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imressqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfacenti li tistrieh fuq dawk il-konkluzjonijiet, allura din il-Qorti imbaghad ghandha s-setgha u d-dmir li tibdel dik is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirrizultaw li jkunu zbaljati jew li ma jirriflettux il-Ligi.[8]

[8] Ara wkoll, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak**, 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George**

Ikkunsidrat,

Illi **PC 970 R. Galea** xehed permezz ta' affidavit u spjega li nhar l-4 ta' Mejju, 2022, ghall-habta tal-10.20am waqt li kien '*day watch*' gewwa l-ghassa tal-pulizija taz-Zejtun, Moira Rose Pace marret tirraporta li huwa certu Giuseppe Abela. Din stqarret li hija flimkien ma huha l-appellant u oththhom ohra kienu wirtu ir-residenza tal-genituri taghhom u cioe 28, 'Connie House', Triq Sir Paul Boffa, Zejtun. Irraportat li lejliet u cioe nhar it-3 ta' Mejju, 2020, ghall-habta tad-9.00 a.m marret f'din ir-residenza tal-genituri taghha u sabet li l-bieb ta' barra tar-residenza kien infetah izda l-antiporta kienet giet imsakkra. Qalet ukoll li huha Giuseppe Abela kien jirrisjedi f'din l-istess dar.

Qaltlu ukoll li huha kien cemplilha ghall-habta tal-4.00p.m u staqsiha x'kellha bzonn peress l' iktar kmieni kienet cemplitlu u din qaltlu ghaliex kien hemm l-antiporta imsakkra. Dan qallha li kien ghamel hekk ghaliex kellu l-affarijiet tieghu go din ir-residenza. Din kompliet tghidlu li din ir-residenza kellha tkun accessibli ghal werrietha kollha. Tghid ukoll li huha ma qallha xejn u qatgha l-linja. Moira qaltlu li kienet hadet parir minghand l-avukat taghha fejn qallha biex taghmel rapport ta' *pretended rights* skond l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal habta tal-11.30am huwa ghamel kuntatt ma Giuseppe u talbu sabiex imur l-ghassa. Ghal habta ta' 12.00p.m dan irraporta gewwa l-ghassa tal-pulizija taz-Zejtun fejn dan gie infurmat dwar ir-rapport li kien sar fil-konfront tieghu u li anke tah id-drittijiet legali tieghu. Dan qallu li kien ser jiehu parir minghand l-avukat tieghu Dr. Keith Borg u kien ser ikellmu aktar tard mal-gurnata. Nhar it-8 ta' Mejju, kien rega' rraporta l-ghassa u dan qallu li kien ha parir minghand Dr. Keith Borg u qallu li ma kellux xejn x'jikkummenta dwar dan ir-rapport.

**Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Illi nhar it-13 ta' Mejju, 2023, l-prosekuzzjoni esebiet l-okkorenza mehuda mill-pulizija PC 970 R. Galea nhar l-4 ta' Mejju, 2023, ghall-habta ta' 10.20 a.m. F'dan ir-rapport hemm dak li xehed dwaru PC 970 aktar 'l fuq.

Il-kwerelanti **Moira Ross Pace** xehdet nhar it-13 ta' Jannar, 2023, u kkonfermat li nhar l-4 ta' Mejju, marret taghmel rapport kontra huha l-appellant. Spjegat li kienet qed tahdem fuq l-affarijiet tal-familja. Qalet li hija ghandha dritt tidhol fid-dar residenza ta' missierha daqs kemm ghandhom dritt huha u ohthha. Qalet li kienet wirtet flimkien ma hutha d-dar 'Connie House', 28 Sir Paul Boffa Avenue, Zejtun. Qalet li meta ghaddiet quddiem id-dar riedet tidhol biex tuza il-bathroom. Qalet li kollha ghandhom cavetta ghaliex dik kienet id-dar residenza ta' missierhom u meta huha issepara minn mal-mara mar jghix hemmhekk ma' missierhom. Qalet li sabet l-antiporta imsakkra u ma kellhiex cavetta. Qalet li hadd minnhom ma kellu cavetta ghaliex meta kienu hajjin il-genituri taghha hadd ma kien isakkar dan il-bieb. Qalet li qabel kienet taqbad u tidhol. Dakinhar riedet thallilu xi karti. Qalet li l-ahhar darba li kienet dahlet qabel dakinhar kien xi hmistax-il jum qabel f' April, 2022. Tghid li ommha mietet fis-sena 2009 waqt li missierhom miet fis-sena 2020.

Qalet li meta miet missierhhom huha spicca jghix f'din id-dar wahdu. Qalet li ma keccewh 'l barra ghax jirrispettawh. Qalet li hija tghix B'Bugia u ohtha toqghod iz-Zejtun.

Mistoqsija jekk talbitx permess lil huha biex tidhol dakinhar meta sabet l-antiporta imsakkra tghid li ma kellhiex ghalfejn tistaqsih permess ghaliex hija wahda mis-sidien.

Illi ghalhekk il-fatti fil-qosor kienu s-segwenti.

1. F'din id-dar 'Connie House' 28, Sir Paul Boffa Avenue, Zejtun f'Mejju, 2022, kien jghix hu l-kwerelanti l-appellant odjern u dan wara li kien miet missierhom xi tlett snin qabel.
2. Din id-dar tappartjeni lill-appellanti u lill-kwerelanti u lill ohthom ohra.

3. Illi l-kwerelanti riedet tidhol f'din id-dar nhar it-3 ta' Mejju, 2022, izda sabet il-bieb tal-antiporta imsakkar.
4. Jirrizulta li kienet cemplet lil huha u dan ammetta maghha li kien biddel is-serratura ghaliex ried jipprotegi hwejgu.
5. Jirrizulta u dan mhux kontestat mill-appellant li hmistax il-jum qabel hija kienet qabdet u dahlet fid-dar u dan ghaliex l-antiporta ma kientix tkun imsakkra.
6. Tghid li f'din id-dar kienu jghixu il-genituri taghha u l-ahhar li miet kien missierha f'April, 2020 u li wara l-mewt tieghu xorta baqghet tidhol fid-dar b'mod liberu sa dakinhar tat-3 ta' Mejju 2022.
7. Dak li stqarret l-kwerelanti ma giex kontestat mill-appellant.

**Konsiderazzjonijiet legali**

L-appellant jichad l-akkuza migjuba kontra tieghu. Jishaq illi l-elementi tar-reat mahsub fl-artikolu 85 ma gewx ippruvati u dan ghaliex jghid li fl-ewwel lok l-kwerelanti ma pprovatx li l-att spoljattiv sehh nhar it-3 ta' Mejju, 2022, u fit-tieni lok l-kwerelanti ma kellhiex il-pusess tal-fond u in oltre huwa ezercita d-difiza ta' *vim vi ripellere lecit.* Jinghad in primis li minkejja din ic-cahda l-appellant kif kellu kull dritt ghazel li ma jixhedx u ghalhekk ix-xhieda tal-kwerelanti fl-ebda hin ma giet kontestata mill-appellanti.

Illi l-gurisprudenza li titkellem dwar l-elementi ta' dritt li jsawwru r-reat ta' l' hekk imsejjah ragion fattasi hija wahda kopjuza, u li giet esposta mill-qrati taghna *funditus* mal-medda taz-zmien. Dak li jilmenta minnu l-appellant izda huwa li mhux l-elementi kollha jirrizultaw ippruvati mill-fatti probatorji u dan ghaliex b'mod ewlieni l-att materjali kostituttiv ta' dan ir-reat u cioe' l-fatt li huwa sakkar l-bieb tal-antiporta nhar it-3 ta' Mejju, 2022, ma giex provat. L-appellant fil-fatt jibqa' sieket u jistrieh biss fuq il-provi imressqa mill-prosekuzzjoni.

Abbazi tal-evoluzzjoni interprettativa tar-reat ta' ragion fattasi mill-Onorabbli Qrati nostrana, illum, sabiex jigi integrat ir-reat ta' raggion fattasi:

i. irid jigi ippruvat illi persuna giet turbata fil-**pussess** ta' fond jew jedd; u
ii. trid issir indagni ta' x' kien l-*istatus quo* fil-perjodu rilevanti u jekk il-pussess reklamat mill-parte civile kienx wiehed **attwali**.

Illi, f' dan l-istadju, jigi ribadit illi, fil-kaz odjern, filwaqt illi l-appellanti flimkien mal-kwerelanti huma s-sidien tad-dar, fil-fond fil-prezent kien jghix l-appellant. Jirrizulta pero' li minkejja li l-appellant kien jghix f'din id-dar hutu xorta kellhom access liberu ghal din id-dar tant li kellhom cwievet tal-bieb ta' barra u kien biss l-appellant li iddecieda li jsakkar l-antiporta sabiex jipprotegi hwejgu u dan ghaliex antecedentement u sa hmistax-il jum qabel l-akkadut l-kwerelanti kellha l-pusess liberu tad-dar u kienet tidhol u tohrog meta trid.

Illi, f' dan ir-rispett, l-esponenti jaghmel referenza aktar specifika ghas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti, moghtija nhar t-22 t' Ottubru, 2001, fil-kawza **Il-Pulizija *v.* Joseph Bongailas citat mill-istess appellant**, fejn gie irritenut illi:

> *L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis b' agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi.* ***L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-proprjetà taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga*** *[…]. Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu, huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni. [enfasi mizjuda]*

Illi, ghalhekk, fil-kaz odjern, l-ewwel element tar-reat ta' ragion fattasi certament ma huwiex sodisfatt u konsegwentement r-reat ta' ragion fattasi ma jistax jissussti tant illi,

b' hekk, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ma kienetx zbaljata meta sabet l-esponenti hatja tal-istess reat.

Illi, in oltre u minghajr pregudizzju, is-sokra tal-bieb tal-antiporta f'dawn ic-cirkostanzi fejn l-appellanti kellha pusess liberu tad-dar iwassal ghall-kommissjoni tar-reat ta' ragion fattasi fil-kaz odjern ghaliex b'dik l-azzjoni huwa ppriva lill-kwerelanti mill-uzu tad-dar.

Illi l-appellanti jghid li l-kwerelanti ma pprovatx li r-reat sehh nhar it-3 ta' Mejju, 2022. Jinghad li fil-provi prodotti ma hemm l-ebda provata kuntrarja li fil-fatt ir-reat ma sehhx fil-jum indikat mill-kwerelanti u dan ghaliex ix-xhieda taghha ma gietx kontestata minn ebda xhud iehor.

## Kunsiderazzjonijiet legali

L-offiza tar-ragion fattasi dderivat fil-ligi taghna mill-Artikolu 168 tal-Kodici Naplitan jew Codice del Regno delle due Sicilie tal-1819. L-offiza giet klassifikata mill-legislatur taghna bhala wahda mid-delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet ohra. Il-**Professur Sir Anthony Mamo** fin-noti tieghu fuq il-Ligi Kriminali fit-tieni volum, iddeskriva dawn l-offizi kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja bhala s-segwenti:

> *'These crimes attack the State but indirectly, inasmuch as, without being actuated by motives hostile to the Government, they proceed from other causes, often of a private character and affect those social institutions on and by which the machinery of the Government rests and moves: those institutions, that is to say, which provide the means of guaranteeing to every member of the community the integrity of his rights and those benefits which derive from the state of civil society.'*

Il-gurista **Francesco Carrara** fil-ktieb tieghu[9] jiddefinixxi l-offiza tar-ragion fattasi bhala ssegwenti:

> *'La ragion fattasi è il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell'altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita' pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti.'*

L-Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano fil-kawza **Il-Pulizija -vs-Anthony Micallef**[10] ddefiniet din il-offiza bhala s-segwenti:

> *'Ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja, u aktar precizament id-delitt ta' l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita' pubblika.* ***L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali hu intiz mhux biex jipprotegi l-proprjeta', mobbli jew immobli, ta' dak li jkun - ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni civili – izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita' pubblika****. Isegwi ghalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni moghtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet civili, jekk jirrizulta bhala fatt li kien hemm l-uzurpazzjoni ravvizata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom jagixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.'* (enfazi mizjuda)

Minn hawn johrog bic-car li l-Qrati ta' Gustizzja Kriminali fl-ezami tal-imputazzjoni taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali huma mghobbija bl-ezami jekk il-privat u f'dan il-kaz l-imputat uzax l-awtorita' tieghu innifsu flok ma rrikorra ghand l-Awtoritajiet kompetenti. Irid jigi mfakkar dak li qalet il-kwerelanti meta xehdet li in effetti kienet cemplet lil huha meta sabet iz-zokra fil-bieb u dan kien ammetta maghha li kien hu li sakkar il-bieb sabiex jipprotegi hwejgu.

---

[9] Volum V fil-Parti Specjali

[10] Appell Kriminali numru: 232/2002 deciza fit-30 ta' Lulju 2004 mill-Imhallef Emeritus V. De Gaetano.

Kif tajjeb osservat id-difiza il-gurista **Francesco Carrara** fil-ktieb tieghu fuq kwotat jelenka erbgha (4) elementi li jridu jissussistu sabiex imputat jinstab hati ghar-reat. Dawn l-elementi huma s-segwenti:

1. *Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo;*
2. *Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto;*
3. *Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati;*
4. *Mancanza di titolo piu grave.*

Kif tajjeb osservat id-difiza dawn l-erba' elementi gew adottati fil-Qrati taghna fosthom fil-kawzi **Il-Pulizija -vs- Giuseppe Bonavia et**[11], **Il-Pulizija -vs- Salvatore Farrugia**[12] u **Il-Pulizija -vs- Professur Henry Frendo**[13] li huma ssegwenti:

> *'Kif inhu risaput, l-erba' elementi li jridu jikkonkorru biex jikkonfigura ruhhu r- reat ta' ragion fattasi huma:-*
>
> *(1) att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor,*
>
> *(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt,*
>
> *(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika, u*
>
> *(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi*[14].

[11] Deciza nhar l-14 ta' Ottubru 1944 mill-Qorti tal-Appell.
[12] Deciza nhar l-14 ta' Dicembru 1957 mill-Qorti tal-Appell
[13] Deciza nhar id-19 ta' Awwissu 2005 mill-Qorti tal-Appell.
[14] **Pulizija vs Anthony Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imhallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Gunju 2014. Ara wkoll fost ohrajn **Pulizija vs Mario Bezzina**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imhallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Michael Lungaro**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-imhallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003u **Pulizija vs Eileen Said** deciza mill-Qorti tal-appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imhallef Joe Galea Debono u datata d-19 taz Gunju 2002.

## Att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor

Fil-kaz odjern qed jigi allegat li l-appellant qabad u sakkar l-antiporta li impedixxa id-dhul tal-kwerelanti fid-dar li kienet wirtet minghand missierha flimkien ma hutha. Jirrizulta li l-kwerelanti kellha pusess ghal din id-dar minkejja li huha l-appellant kien jghix go fiha. Jirizulta u mhux kontestat li in effetti l-kwerelanti kienet tmur f'din id-dar meta trid u hadd ma kien iwaqqafha, almenu hekk xehdet u x-xhieda taghha ma gietx kontestata. B'dal li ghamel l-appellanti zgur li ppriva lil kwerelanti milli jkollha access liberu. Illi ma hemmx dubju li l-att spoljattiv u cioe' li iz-zokra tal-antiporta sar minn l-appellant kif ammess minnu f'dak li qal lill-pulizija waqt l-investigazzjoni. **Ghalhekk l-att estern tal-offiza huwa pruvat.**

Ghandu jigi riaffermat li sabiex din l-offiza tissussisti pussess jew detenzjoni huwa bizzejjed **u mhux necessarju li tipprova titolu ta' proprjeta'.**

## Il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt.

Illi hawnhekk irid jigi determinat x'intenzjoni kellu l-appellanti meta wettaq ir-reat u cioe' l-intenzjoni li jiehu l-ligi b'idejh u dan biex jezercita dritt li jahseb li ghandu. Hekk inghad fis-sentenza **<u>Il-Pulizija -vs- Eileen Said:</u>**

> *"Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju.*

*Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha.*[15]"

Fil-kaz in desamina jirrizulta li l-appellant ma kellux dritt li jostakola id-dhul lil kwerelanti u dan ghaliex minkejja li kellu l-pusess tal-fond ghaliex kien jghix fih l-kwerelanti ukoll kellha access libera ghalih

**Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika.**

M'hemmx dubbju li l-appellant kien jaf li l-kwerelanti kellha kull dritt li tidhol f'din id-dar meta trid ghaliex hekk kienet taghmel meta missierha kien ghadu haj u l-appellanti qabad u sakkar is-serratura tal-antiporta hesrem.

Illi l-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-*actio spolii* – huwa li tipprotegi l-istatus quo.[16]

Issa mmaterjalment mill-jeddijiet ta' natura civili li jgawdu l-appellanti fuq din il-proprjeta, jirrizulta inkonfutabbilment illi l-kwerelanti sa minn meta wirtu l-proprjeta kellhom access liberu ghad-dar tant illi qabel ma sar s-sokor fl-antiporta l-kwerelanti kienet tidhol liberament. Dan ifisser illi l-appellanti unilaterlament biddel dan l-*istatus quo* tal-kwerelanti hesrem u b'mod illegittmu.

---

[15] Il-Pulizija vs Eileen Said deciza App.Inf 19/06/2002

[16] Il-Pulizija vs Jane Scicluna App.Inf. 09/02/2010

Illi din m' hiex kwistjoni fejn l-appellant jahseb li ghandu dritt uniku jghix fid-dar ghaliex una volta jirizulta li l-kwerelanti kellha access tali materja u cioe' jekk l-appellant setghax jippriva lill-kwerelanti mid-dhul hija kwisjtoni li kellha tigi determinata fil-fora civili u mhux quddiem din il-Qorti.

**In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.**

Illi minn ezami tax-xhieda moghtija u tal-elementi precedenti jirrizulta b'mod inekwivoku li l-offiza ma hi xejn ghajr ghal dik ta' ragion fattasi.

Ghalhekk fid-dawl ta' dak li ntqal aktar l' fuq din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet korreta fil-gudizzju taghha meta sabet lill-appellanti hati tal-akkuza kif addebtiata fil-konfront tieghu.

L-appellanti jghid ukoll li huwa agixxa fid-difiza tieghu in ommagg mal-principju *vim vi ripellere lecit.* Fis-sistema guridika Maltija l-principju tal-vim vi repellere licet ma hux t'applikazzjoni generali, izda jista' jservi ta' difiza f'certi kazijiet limitati u kontemplati fil-Ligi. Dan jirrizulta mill-kitbiet tal-Professur Sir Anthony Mamo, fosthom fil-Lectures in Criminal Law, l-ewwel Volum, pagna 101 et seq. fejn Mamo anke jishaq fuq il-fatt li fis-sistema Maltija, il-principju tal-uzu tal-vjolenza biex tigi mbieghda vjolenza opposta hija kundizzjonata u ristretta ghal sitwazzjonijiet partikolari.

Dan jidher li huwa wkoll sa certu punt rikonoxxut mill-appellant stess meta fir-rikors tal-appell studjat tieghu, jiccita varji kazijiet decizi minn dawn il-Qrati fejn applikaw il-principju tal-vim vi repellere licet fil-qasam tar-reati li jolqtu l-proprjeta – izda fejn l-istess gurisprudenza tirrizulta limitata ghal certi sitwazzjonijiet ta' ragion fattasi.

F'dan il-kaz ma jirrizultax li l-appellant ghamel dak li ghamel ghaliex kien qed jigi affrontat mill-kwerelanti sabiex tidhol fid-dar proprjeta taghhom it-tnejn. Jirrizulta li l-appellant ma kellux ghalfejn jezercita xi dritt biex jiddefendi lilu nnifsu ghaliex kien hu li fil-fatt spolja lill-kwerelanti mit-tgawdija li hija kellha tal-fond li wirtet minghand missierha.

*As **Giulio Crivellari** states in Il Codice Penale per il Regno d'Italia interpretato sulla scorta ecc. UTET, 1895:*

> *"La massima vim vi repellere licet, come l'altra qui continuat non attentat…escludono l'esercizio arbitrario. Egli e` percio` che se per togliere il mio diritto di passaggio si erigera` una siepe, in quello stesso momento avro` diritto di abbatterla, allora respingero` un arbitrio, ma non commettero` mai un atto arbitrario.[17]"*

Likewise **Francesco Antolisei**[18]:

> *"L'ordinamento giuridico, infatti, ai fini della pace sociale, consente l'autotutela nei casi in cui si verifica il pericolo attuale di un attacco ingiusto, il che tradizionalmente viene espresso col principio generale vim vi repellere licet, e, nel caso specifico, con l'antica massima qui continuat non attentat.*
>
> *Pertanto, non commette esercizio arbitrario il possessore di un fondo che, usando violenza, si oppone a taluno che violentemente cerca di occupare il fondo stesso. Nel conflitto delle pretese prevale l'interesse del possessore[19]."*

A stated in the judgment in the names **<u>The Police vs Jane Deguara;-</u>**[20]

[17] Vol. VI page 751 (para. 303).
[18] Manuale di Diritto Penale – Perte Speciale II Giuffre` (Milano), 1986.
[19] op. cit. page 966
[20] Deciza 5 ta' Dicembru 2003

*It is clear from the above, however, that for the principles contained in these salutary maxims to be applicable, the opposition to the threatened spoliation or the retaking of possession must be immediate. Thus, for instance, if the landlord has forcibly evicted the person in possession of the premises by changing the lock to the door of the said premises while the possessor was out, the latter may, on returning in the evening force again the new lock and retake possession of the premises. He would not be guilty of the offence under Section 85 of the Criminal Code. But if the person who was in actual possession does nothing as soon as he becomes aware of the change, he cannot eturn two, three or four days later and break into the premises in exercise of his pretended right to re-acquire possession of the place.*

F'dan il-kaz ma jirrizultax li l-appellant kien qed jagixxi b'mod immedjat sabiex jilqa' ghat-thedida tas-spoljazzjoni. Jidher li l-appellant sab il-hin li jbiddel is-serratura meta l-kwerelanti ma kienitx hemm u li l-kwerelanti sabet kollox lest. Ghalhekk din id-difiza qed tigi michuda.

Dwar il-fatt jekk ir-reat ta' raggon fattasi huwiex reat istantaneju jew permaneneti jinghad li fil-kaz in ezami si tratta ta' att wiehed ta' kommissjoni konsistenti fil-bdil ta' serratura fit-3 ta' Mejju, 2022, u dan il-fatt ma gie michud minn hadd. **Vincenzo Manzini** jghid[21]dwar ir-reat ta' ragion fattasi:

*"E` in ogni caso reato istantaneo, e non permanente, ancorche` possa avere effetti permanenti. Ne` importa che la violenza, specialmente quella sulle cose, possa continuarsi ininterrottamente per un certo tempo … perche` il reato si consuma nell'istante in cui l'agente si e` fatta ragione da se` medesimo con l'uso dellaviolenza, per il quale uso e` sufficiente il fatto violento iniziale. Non si confonda, poi, il delitto permanente col delitto continuato."*

[21] Vincenzo Manzini, Trattato di Diritto Penale Italiano, Vol. V, Torino 1950, p. 996

Fil-kaz in ezami, il-fatt tal-bdil tas-serratura kellu effett permanenti, izda xorta jrid jitqies bhala reat istantaneju u dan qed jinghad sabiex din il-Qorti tindirizza l-aggravju sollevat mill-appellant dwar jekk ir-reat ta' raggon fattasi ghandux jitqies bhala reat istantaneju jew le.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata *in toto* b'dan illi id-drittijiet civili appartenenti lil partijiet jibqghu impregudikati b'din id-decizjoni.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Adrian Micallef**

**Deputat Registratur**